**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 24 ta' Marzu 2021**

**Il-Pulizija**
**(Assistent Kummissarju Stephen J. Gatt)**

**vs**

**John Sultana**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

**John Sultana** ta' 45 sena iben Paul u Josephine Xerri, imwieled Xaghra Ghawdex fis-6 ta' Gunju1963 residenti temporarjament gewwa l-Facilita` Korrettiva ta' Kordin I.D. 28163G.

Akkuzat talli fil-31 ta' Marzu 2008 u matul il-gimghat qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u dan bi ksur tal-Artikolu 293 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi irrenda ruhu recidiv b'sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fit-3 ta' Frar 2005 liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula.

**2.** Rat il-kunsens tal-Avukat Generali skond l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex din il-kawza tigi trattata bil-proceduri sommarja, u semghet lill-imputat jiddikjara li m'ghandux oggezzjoni li din il-kawza tigi hekk trattata.

**3.** Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

**4.** Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Il-FATTI**

**5.** Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri, u li mhumiex kontestati bejn il-partijiet, huma s-segwenti:

i. Fis-16 ta' Dicembru 2001, l-imputat, flimkien ma' persuna ohra, tressqu b'arrest il-Qorti akkuzati b'diversi reati ta' traffikar ta' droga. Fic-citazzjoni, il-Prosekuzzjoni talbet l-hrug ta' ordni tal-iffrizar tal-assi taz-zewg imputati, kemm l-assi mobbli kif ukoll dawk immobbli.

ii. Fil-prezentata, cioe fis-16 ta' Dicembru 2001, din il-Qorti, diversament preseduta, laqghet it-talba tal-Prosekuzzjoni ghall-hrug ta' ordni tal-iffrizar tal-assi taz-zewg imputati ai termini tal-Artikolu 22(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, u ordnat *"komunika lir-Registratur tal-Qorti sabiex johrog l-avviz opportun."*[1]

iii. B'sentenza tal-Qorti Kriminali tal-15 ta' Lulju 2004, l-imputat ammetta ghall-akkuzi dedotti kontra tieghu, u apparti piena ta' prigunerija u multa, ordnat *inter alia "l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta mobbli u*

[1] Ara fol. 49 tal-process.

*immobbli tal-hati.”*[2] Din is-sentenza giet konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali tat-3 ta’ Frar 2005.[3]

iv. Fit-12 ta’ Frar 2008, l-imputat ittrasferixxa vettura tal-ghamla Mitsubishi Pajero lil terza persuna. Skond ir-records tal-Awtorita dwar it-Trasport, l-imputat kien ilu registrat bhala sid din il-vettura mit-2 ta’ Gunju 2000.[4]

v. Fl-4 ta’ Marzu 2008, l-imputat ittrasferixxa vettura tal-ghamla Volvo FH12 ghal fuq terza persuna ohra. Skond ir-records tal-Awtorita dwar it-Trasport, l-imputat kien ilu registrat bhala sid din il-vettura mis-27 ta’ April 1999.[5]

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

**6.** Ghalkemm ma giet sollevata l-ebda eccezzjoni fir-rigward, din il-Qorti tibda biex tghid li se tiskarta l-istqarrija tal-imputat, u kull xhieda li inghatat dwar il-kontenut ta’ din l-istqarrija, stante li meta din giet rilaxxata fl-2008, il-ligi Maltija ma kinietx tippermetti li s-suspettat jikkonsulta ma’ avukat qabel l-interrogatorju. Il-Qorti qed taghmel dan, in konformita ma’ diversi sentenzi tal-Qrati taghna u tal-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.

**7.** Fit-trattazzjoni finali, d-difiza issottomettiet li se mai, l-imputat kellu jigi mixli bir-reat ta’ ksur tal-ordni tal-iffrizar tal-assi taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, u mhux bir-reat ta’ mizapproprjazzjoni. Id-difiza ma specifikatx ghal liema disposizzjoni tal-Kapitolu 101 qed taghmel riferenza, pero il-Qorti tifhem li kienet qed taghmel riferenza ghall-Artikolu 22B tal-Kapitolu 101 li jippreskrivi li jikkometti reat kull min jikser ordni tal-Qorti maghmul taht l-Artikolu 22A tal-istess Kapitolu. L-Artikolu 22A jittratta l-hrug ta’ ordni ta’ iffrizar ta’ proprjeta tal-persuna akkuzata pendenti l-proceduri kriminali. Fil-kaz odjern, ghalkemm fil-bidu tal-proceduri kontra l-imputat kien ihareg ordni tal-iffizar tal-assi ai termini tal-Artikolu 22A, fid-data li fiha gew trasferiti l-vetturi in kwistjoni, dawn il-proceduri kienu gew konkluzi, u effettivament fis-sentenza taghha tat-3 ta’ Frar 2005, il-Qorti tal-Appell Kriminali

[2] Ara fol. 20 tal-process.
[3] Ara fol. 19-27 tal-process.
[4] Ara fol. 35-36 tal-process.
[5] Ara fol. 32-33 tal-process.

ikkonfermat l-ordni tal-Qorti Kriminali li l-flejjes, u l-proprjeta kollha tal-imputat jigu konfiskati. Din l-ordni tal-konfiska saret ai termini tal-Artikolu 22(3A)(d) tal-Kapitolu 101, li jippreskivi l-hrug ta' din l-ordni f'kaz ta' sejbien ta' htija ta' *inter alia* r-reat ta' traffikar tad-drogi.

**8.** Ghalhekk, bl-agir tieghu l-imputat ma kisirx l-ordni tal-iffrizar tal-assi mahrug fis-16 ta' Dicembru 2001, stante li dan l-ordni ma kienx ghadu iktar fis-sehh ghax il-proceduri kriminali kontrieh kienu gew terminati, u ghalhekk l-Artikolu 22B tal-Kapitolu 101, li ghalih taghmel riferenza d-difiza, huwa irrilevati ghal fini tal-kaz odjern.

**9.** Mill-provi jemergi car li l-imputat akkwista z-zewg vetturi in kwistjoni qabel inbdew il-proceduri kriminali kontrieh fl-2001 u ghalhekk qabel ma hareg l-ordni tal-iffrizar tal-assi. Konsegwentement, *prima facie* dawn iz-zewg vetturi kienu milquta bl-ordni ta' konfiska tal-2005. Ghalhekk dak li din il-Qorti trid tiddeciedi huwa jekk il-fatt li l-imputat ittrasferixxa dawn il-vetturi minkejja din l-ordni ta' konfiska, jissodisfax ir-rekwiziti tar-reat ta' mizapproprjazzjoni li bih l-imputat jinsab mixli.

**10.** Mill-provi jirrizulta li minkejja l-ordni ta' konfiska tal-beni kollha tal-imputat favur il-Gvern ta' Malta, iz-zewg vetturi in kwistjoni baqghu ghal xi raguni li ma gietx spjegata f'dawn il-proceduri, fil-pussess tal-imputat, nonostante l-ordni tal-iffirzar tal-assi fl-2001 u sussegwentement l-ordni ta' konfiska tal-beni favur il-Gvern ta' Malta fl-2005.

**11.** Forsi dak li hu iktar sorprendenti, huwa l-fatt li mill-provi jirrizulta li t-terzi persuni ma kellhom l-ebda diffikulta mal-Awtorita tat-Trasport ta' Malta sabiex jaqilbu l-vetturi li akkwistaw rispettivament minn fuq isem l-imputat ghal fuq isimhom. Mill-provi ma jirrizultax li din l-Awtorita kienet infurmata, kif kellha tigi infurmata, bl-ordni tal-iffrizar tal-assi, u wisq inqas bl-ordni tal-konfiska tal-assi tal-imputat. Fil-fatt l-Ufficjal Prosekutur, is-Supretendent Stephen Gatt xehed hekk: *"L-ADT qatt ma rceviet nota biex ma jsirx transfer, jigifieri min-naha tal-ADT kollox kien normali u tajjeb … …"*[6]

**12.** Il-Kodici Kriminali jippreskrivi illi:

---

[6] Ara fol. 14 tal-process.

*"**293.** Kull min japproprja ruħu, billi jdawwar bi profitt għalih jew għal persuna oħra, minn ħaġa ta' ħaddieħor li tkun ġiet fdata jew ikkunsinnata lilu taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn tliet xhur sa tmintax-il xahar:*
*Iżda ebda proċediment kriminali ma jista' jinbeda għal dan id-delitt, ħlief bi kwerela tal-parti."*

**13.** Ghalhekk, sabiex tirnexxi azzjoni taht l-Artikolu 293, il-Prosekuzzjoni kellha fl-ewwel lok tipprezenta kwerela tal-Gvern ta' Malta, li a favur tieghu saret l-ordni ta' konfiska tal-beni kollha tal-imputat, u allura huwa *prima facie* s-sid legali tal-vetturi in kwistjoni. In-nuqqas tal-Prosekuzzjoni li tipprezenta din il-kwerela, huwa wahdu bizzejjed sabiex din il-Qorti tillibera lill-imputat.

**14.** Pero *ex abbundantia*, il-Qorti se tikkunsidra l-elementi tar-reat ta' misapproprjazzjoni.

**15.** Fuq ir-reat ta' misapproprjazzjoni, l-awtur **Luigi Maino**[7] jghid hekk:
*"**2649.** Gli elementi per la sussistenza del reato d'appropriazione indebita sono:*
*Che a taluna sia stata affidata o consegnata una cosa altrui per qualsiasi titolo che importi l'obbligo di restituirla o di farne un uso determinato –*
*Che egli se la appropri in profitto di se o di un terzo, convertendola in uso proprio –*
*Che cioe abbia fatto con dolo"*[8]

**16.** Ghalhekk, l-ewwel element ta' dan ir-reat hu li l-haga li tkun giet approprjata tkun giet konsenjata jew fdata lil min hadha taht it-titolu li jimporta l-obbligu tar-restituzzjoni taghha jew li jsir minnha uzu specifikat.

**17.** Fir-rigward ta' dan l-ewwel element, **Maino** jghid hekk:[9]
*"Vera restituzione ed uso determinate implicano necessariamente la non assoluta disponibilita per parte del consegnatario. Infatti e principio costante in dottrina e giurisprudenza che il titolo di appropriazione indebita puo sorgere solo quando la consegna sia avvenuta per titolo non traslativo di proprieta. E per verita, se il titolo della consegna*

---

[7] Ara **Commento al Codice Penale Parte II**, Verona 1894.
[8] *Op.cit.* fol. 347.
[9] *Op. cit.* fol. 348-349.

*fosse traslativo di dominio, la disposizione e la appropriazione della cosa consegnata essendo necessario conseguenza legale ed esecuzione del contratto, non potrebbero mai costituirne violazione.*

*Percio la appropriazione indebita potra aver luogo per oggetti consegnati o ricevuti a titolo di mandato, deposito, locazione di cose o di opera, comodato. Non si potra invece parlare di appropriazione indebita ogni volta taluno, pur non adempiendo ad obblighi contrattuali, abbia ricevuto cose o valori a titolo traslativo e che gliene conferishe la piena disponibilita: come nel caso di chi sia stato anticipatamente pagato per la esecuzione di un lavoro e non lo abbia poi eseguito. In fatti in questo caso il denaro passa tosto in dominio di chi lo riceve, e l'obbligo che a lui incombe come esecuzione del contratto e la esecuzione del lavoro, non un uso determinato del denaro per poi riconsegnarlo."*

**18.** Kif diga inghad, mill-provi ma jirrizultax ghaliex sas-sena 2008 il-Gvern iddecieda li jhalli l-vetturi in kwistjoni fil-pussess tal-imputat minkejja l-ordni ta' konfiska tal-2005. Fil-fatt lanqas jirrizulta li l-Gvern ha hsieb jirregistra t-titolu tieghu ta' proprjeta fuq dawn il-vetturi mal-Awtorita dwar it-Trasport. Ghalhekk certament mill-provi prodotti ma jirrizultax jekk dawn il-vetturi baqghux dejjem fil-pussess tal-imputat sa mill-2001, meta inhareg l-ordni tal-iffrizar, jew jekk ittiehdux mill-pussess fizikament tieghu, u regghu gew konsenjati jew fdati lilu mill-Gvern ta' Malta, wara l-ordni ta' konfiska, taht xi titolu li jimporta l-obbligu tar-restituzzjoni taghhom jew li jsir minnhom uzu specifikat.

**19.** Fix-xhieda tieghu l-Assistant Kummissarju Neil Harrison, li kien il-prosekutur fil-proceduri kriminali tat-traffikar tad-droga, xehed hekk:[10]

*"Fil-fatt wara l-appell kienu saru sensiela ta' rikorsi mill-imputat fil-Qorti civili dwar l-assi u fil-fatt hemmhekk irrizulta fil-kawza civili li fil-fatt hemm hekk kienu gew trasferiti xi vetturi li kienu marbutin b'dak id-digriet, li kienu jappartjenu lill-imputat f'dak iz-zmien tal-akkuza. … … U minn hemm kienet saret investigazzjoni u kont qabbadt spettur jinvestiga l-kaz."*

**20.** Pero, il-Prosekuzzjoni ma resqet l-ebda prova dwar x'irrizulta minn din l-investigazzjoni, u r-raguni ghaliex l-Awtorita dwar it-Trasport ma gietx infurmata bl-ordni tal-iffrizar tal-assi, u sussegwentement bl-ordni ta' konfiska. Bir-rispett kollu, mhix bizzejjed

[10] Ara fol. 67 tal-process.

ix-xhieda wahedha tal-Ufficjal Prosekutur li l-imputat *"kien jaf li ma setax idawwar* (l-assi tieghu) *f'isem haddiehor*."

**21.** Konsegwentement, l-ewwel rekwizit tar-reat ta' misapproprazzjoni ma giex debitament ippruvat, u ghalhekk il-Qorti tista' tieqaf hawn fil-konsiderazzjonijiet taghha.

**22.** Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, l-ewwel imputazzjoni, u cioe r-reat ta' misapproprazzjoni dedott kontra l-imputat ma giex ippruvat sal-grad rikjest fil-kamp kriminali.

**23.** It-tieni imputazzjoni, u cioe dik tar-recidiva, tiddependi minn sejbien ta' htija fuq l-ewwel imputazzjoni, u la l-imputat se jigi liberat mill-ewwel imputazzjoni, bil-fors irid jigi liberat ukoll mit-tieni imputazzjoni.

**Konkluzjoni**

**24.** Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu, u qed tilliberah minnhom.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**